# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.5

**Kap 6: Ġesu qam tassew**

**Lezzjoni 6.5 – Xmun jgħin lil Ġesù**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. jagħrfu r-rwol ta' Xmun minn Ċirene u jitgħallmu x'għamel u x'wera dan il-bniedem.
2. jiddiskutu sew x'ġara meta Ġesù kien tiela' l-Kalvarju.
3. jitgħallmu x'ġara lil Ġesù wara li kien mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Karta ta' Taħriġ 6.3 (mill-Ktieb)

- Link għall-Innu: *Inti li inti midneb*
https://www.youtube.com/watch?v=e1TZPcoXI3I



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Rajna minn kienu l-persunaġġi li ħadu sehem fil-passjoni ta' Ġesù.
- Staqsi u fl-istess ħin irrevedi dawn il-personaġġi.
- Ara liema minnhom laqathom l-aktar u għaliex.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Iddiskuti kif iħossuhom huma meta xi ħadd jgħinhom f'xi diffikultà li jkollhom.
- Spjega kif kien hemm ukoll persuna li għenet lil Ġesù f'dik it-tbatija li kien għaddej minnha.
- Agħti u spjega din l-informazzjoni: Xmun iċ-Ċirenew (għax minn Ċirene) iltaqa' ma' Kristu b'kumbinazzjoni – il-kelma ġġib li b'kumbinazzjoni. Il-Vanġelu ta' San Mark Kapitlu 15 vers 21 jistqarr li kien għaddej minn hemm, kien ġej mill-għalqa, u s-suldati ġegħluh jerfa' s-salib ta' Kristu.
- Spjega u ddiskuti u spjega: X'għandhom x'jaqsmu s-suldati Rumani? (Ġerusalemm ta' dak iż-żmien u l-Palestina kollha kienet immexxija mir-Rumani. Biex il-Lhud setgħu joqtlu lil Ġesù riedu l-permess tal-Gvernatur Ruman Ponzju Pilatu).
- Staqsi kif jaħsbu li ħassu Xmun dak il-ħin. Wieħed jista' jimmaġina kif ħassu Xmun dak il-ħin! X'aktarx sorpriż (ma kienx jaf x'inhu jiġri, imbarrazzat (f'daqqa waħda sab ruħu ċ-ċentru tal-attenzjoni quddiem din il-folla kbira). Naħseb li ma tantx ħa pjaċir li kellu jgħin wieħed ikkundannat għall-mewt! IMMA ma qal xejn u għen lil Ġesù.
- Uri kemm kien qalbu tajba Xmun.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 6.3 u wara li taqra s-silta mogħtija bħala klassi aħdem Attività 1.
- Iddiskuti Attività 2 u oħroġ l-istampi li jmorru ma' din l-istorja.
- Iddiskuti Attività 3 u oħroġ il-punt ta' kemm hu sew li ngħinu u ngħinu fil-pront.
- Agħlaq il-lezzjoni billi ssemma' l-innu: *Inti li inti midneb.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Xmun, li kien minn Ċirene, kien fi triqtu lejn id-dar mill-għalqa.
2. Hu ġie kkmandat mis-suldati Rumani biex jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib.
3. Is-suldati beżgħu li Ġesù kien ser imut fit-triq u għalhekk ordnaw lil Xmun jgħinu.
4. Xmun għen lil Ġesù s-salib sa fuq il-Kalvarju.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-tfal jgħinu lil xulxin – kemm dawk li jkunu l-ħbieb tagħhom u kemm lil dawk li forsi ma jkunux daqshekk ħbieb tagħhom.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Link għall-Innu: *Inti li inti midneb*
[https://www.youtube.com/watch?v=e1TZPcoXI3I](https://www.youtube.com/watch?v=e1TZPcoXI3I)

## Nitolbu



Grazzi Ġesù li mitt għalija fuq is-salib biex turini kemm tħobbni.